MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 218/2007

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143)**

**Vs**

**EBN (EBIZ Network Solutions) Limited**
**(C 30564)**
**u**
**Office Line Limited**
**(C 26164)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta` Marzu, 2007, fejn intalab li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ghandhom jigu kkundannati jhallsuhom lura s-somma ta` mitejn u hamsa u sebghin lira (Lm275) rapprezentanti depozitu li kien sar fuq ordni ta` pinen liema ordni pero` qatt ma giet onorata u dana kif jirrizulta mid-dokumenti annessi ma` l-avviz Dok. G1 sa Dok. G5.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` mandat ta` sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma` dan l-avviz u ta` l-ispejjez ta` ittra legali datata 16 ta` Jannar, 2007 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tad-depozitu cioe` mis-7 ta` Ottubru, 2005 kontra s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom li huma minn issa stess ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjetajiet konvenuti ghalkemm legalment notifikati baqghu ma pprezentaw ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-atturi sabiex dirigenti tas-socjetajiet konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment dirigenti ta` l-istess socjetajiet konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tat-30 ta` Marzu, 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni taghhom u l-anqas ghas-seduta tas-27 ta` April, 2007 kwantu ghas-socjeta` EBN (EBIZ) Network Solutions) Limited u kif ukoll la fis-seduta tat-22 ta` Gunju, 2007 u l-anqas ghas-seduta ta` llum kwantu ghas-socjeta` Office Line Limited u kwindi ghalhekk in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz in-nuqqas ta` kontestazzjoni da parti tas-socjetajiet konvenuti fil-konfront tat-talba attrici kif dedotti f'dan l-avviz.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjetajiet konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' mitejn u hamsa u sebghin lira (Lm275) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-7 ta` Ottubru, 2005 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif

mitluba a karigu ta` l-istess socjetajiet konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------